TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 65

KAZ NRU. 78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Spiru Buttigieg
u
Messrs Frey (M) Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 28 t'April, 1980

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tat-22 ta' Jannar, 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija, Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Spiru Buttigieg mill-Kumpanija Frey (M) Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm sitt seduti li fihom l-appellant, ghall-ewwel seduta biss, kien assistit mis-Sur Albert Tabone, konsulent industrijali, u ghal bqija tas-seduti deher ghalih in-nifsu skond it-tieni proviso ghas-sub-Artikolu (2) ta' l-Artikolu 31 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, filwaqt li l-Kumpanija Frey (M) Ltd., kienet rappresentata mis-Sur Colin Tabone, General Manager ta' l-istess Kumpanija, assistit mis-Sur Brian Zammit Marmara, Production Manager.

/2. .....

3. Fli 'statement of case' l-appellant Spiru Buttigieg issottometta li hu kien gie mpjegat bhala 'Trainee Supervisor' mall-Kumpanija Frey (M) Ltd. fl-14 ta' Mejju, 1979 u gie mkecci minn dan il-post fit-12 ta' Settembru 1979 ghax instab li ma kienx idoneu ghal dan ix-xoghol. Hu kien ghamilha cara meta gie mpjegat li hu qatt ma kien hadem bhala supervisor fil-linja tad-Ditta izda gie mwiegeb li kien ser jinghata tahrig ghal zmien sitt xhur. Sa l-ewwel xahrejn kellu supervisor fuqu izda wara ma kellux u sa ftit jiem qabel spicca mill-post ma kellu ebda rimarka dwar kwalita' ta' xoghol. Kien biss jumejn qabel spicca li kien gie msejjah mill-General Manager u infurmah li ma kienx tajjeb ghal Supervisor u li kienu ser ipogguh 'Cutter'. Dan mar il-Labour Office fejn gie nfurmat li seta' jaccetta izda mhux b'inqas paga milli kellu. Hekk informa lill-General Manager u thalla 'Trainee Supervisor' sa dak in-nhar li tkecca fit-12 ta' Settembru. Dak inhar stess gie mitlub jiffirma il-kuntratt tax-xoghol. Il-pozizzjoni ghalhekk kienet li gie mpjegat bhala 'Trainee Supervisor' ghal zmien 'indefinit' bla 'probation' hlief dik li tistabbilixxi l-ligi igifieri tlett xhur u ma kellu qatt twissija. Dawn ir-ragunijiet juru fil-fehma ta' l-appellant li t-tkeccija kienet ingusta.

4. Ghall-Kumpanija Frey (M) Ltd. is-Sur Colin Tabone sostna illi kuntratt tax-xoghol kien juri 'probation' ta' sitt xhur u t-terminazzjoni ta' l-appellant mix-xoghol saret qabel dan il-perijodu skada. Anki kieku dan ma kienx in-nomenklatura tal-post 'Trainee Supervisor' kienet turi bic-car illi jekk 'Trainee' ma jaghmilx il-grad ma kienx hemm ghalfejn li jigu moghtija raguni gustifikanti. Fuq kollox it-tkeccija ta' l-appellant kienet gustifikata ghaliex ma nstabx li kien addattat ghall-impieg ghax ma kienx jifhem l-istruzzjonijiet lilu moghtija, ma kienx

/3. .....

kapaci jittrasmetti l-ordnijiet u kien jitfa' r-responsabbilta' ta' certi nuqqasijiet ingustifikatament fuq l-impjegati operators. Ta' dan kienu wissewh kemm-il darba u ma kien hemm ebda kambjament pozittiv. Kien ghalhekk li l-appellant gie mkecci.

5. Ghall-appellant instemghu dawn ix-xhieda : l-appellant in-nifsu, is-Sur A. Desira, s-Sur Colin Tabone, Miss P. ZammitLewis, Miss M. Galea, waqt li ghall-Kumpanija nstemgha s-Sur B. Zammit Marmara. Gew ukoll esibiti dawn id-dokumenti :

Kopja tal-'Contract of Service' bil-'Probationary Period' ta' '3 months'; annessa ma li 'statement of case' ta' l-appellant markat bhala Dok. 'A'.

Kopja tal-'Contract of Service' bil-'Probationary Period' emendat '6 months' u kopja ta' ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg bid-data tal-14 ta' Settembru 1979 annessi ma' l-istatement of case tal-Kumpanija Frey (M) Ltd. markat Dok. 'B'.

Kopja ta' ittra mid-Dipartiment tax-Xoghol lid-Ditta Frey (M) Ltd. bid-data ta' l-1 ta' Ottubru, 1979 mmarkata Dok. 'C'.

Kopja ta' ittra mid-Dipartiment tax-Xoghol lid-Ditta Frey (M) Ltd. bid-data tat-8 ta' Ottubru, 1979, mmarkata Dok. 'D'.

Kopja ta' ittra mid-Ditta Frey (M) Ltd. bi twegiba ghall-ittra tal-1 t'Ottubru, 1979 tad-Dipartiment tax-Xoghol, mmarkata Dok. 'E'.

Kopja ta' ittra mid-Ditta Frey (M) Ltd. bi twegiba ghall-ittra tat-8 t'Ottubru, 1979 tad-Dipartiment tax-Xoghol mmarkata Dok. 'F'.

6. <u>Xhieda fil-qosor</u>. L-appellant qal li hu kien mar jitlob ix-xoghol mhux bhala 'Supervisor' izda billi ma kienx hemm xoghol iehor is-Sur Tabone offrielu ta' Supervisor u hu kien wiegbu li hu kien Supervisor izda mhux fil-linja tal-hwejjeg u li ghal dan is-Sur Tabone qallu li ser jaghtuh it-'training' u jekk ma jkunx tajjeb xi hag'ohra jsiblu u qallu li ser jaghtih 'training' ta' sitt xhur, tellghu hdejn is-'supervisors' l-ohra u qallhom li dan kien 'Trainee Supervisor' u talabhom biex jghinuh u tah ukoll il-ktieb fuq il-procedura. Dam xahrejn fil-'cutting room' u hadd ma beda jghidlu xejn hlief is-'Supervisor' u wara beda jkompli hu meta spicca dan is-'supervisor'. Ghal bidu ma setax jaqbad u hadd ma kien hemm biex jidderirigih imma fl-ahhar kien hemm wahda germaniza. Ftit granet wara kien bghat ghalih is-Sur Tabone u qallu li ma kienx sodisfatt bih, qallu li kienu ghaddew it-tlett xhur tal-'probation' u li ma kienx ser ijkompli bhala 'trainee supervisor', izda wara li kien talbu biex jaghtih cans iehor, is-Sur Tabone offrielu imur 'cutter' ghax inkella ma kienx ikollu fejn jibghatu. Mar il-Labour Office ghax hu hass li kellu jkollu 'training' ghal sitt xhur u mhux erba' xhur. Il-Labour Office staqsewh ghal 'contract of service' u dan ma kellux izda qalulu li l-paga li kellu meta beda ma setghax inaqqasilhu. Wara jumejn is-Sur Tabone tefghu 'cutter' u wara erbatax il-gurnata keccewh. F'dawn l-erbatax il-gurnata kien staqsa ghal 'contract of service' li tawh proprju fl-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu. Fid-discharge is-Sur Tabone kien nizzillu li ma kienx idoneu ghax-xoghol. Wara mar il-Labour Office u tahom il-'Contract of Service' li tah is-Sur Tabone.

<u>Is-Sur Colin Tabone.</u> General Manager tal-Kumpanija prodott mill-appellant qal li kien veru li l-'contract of service' tah lill-appellant meta dan talabulu ftit qabel telaq. Bi twegiba ghal mistoqsija ta' l-appellant kif il-kopja tieghu

tal-'Contract of Service' kienet turi '3 months' probation' u dik esibita mill-Kumpanija it-'3' kienet alterata '6' ix-xhud wiegeb li fil-kopja esibita fejn hemm '3 months' il-kallegrafija ma tixbahx il-tieghu. Hu kien ghamel il-'probation' sitt xhur ghal 'supervisor' kien hemm bzonn izjed minn tlett xhur 'probation'. Mistoqsi mill-appellant l-ghala ma kienx tah il-'contract of service' meta beda ta' 'cutter' ix-xhud wiegeb li fit-28 t'Awissu kien informa lill-appellant li mhux ser ikompliuli kien ser jaghtih sal-gimgha u offrilu xoghol ta' 'cutter' u qallu biex jahsibha u l-appellant ma kelmu xejn u hallih minghajr risposta; hallih ghaddej ghal ragunijiet umanitarji bhal ma kien ghamel ma' haddiehor u ghalhekk ma kienx beda 'cutter'.

Is-Sur A. Desira rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xoghol qal li l-kaz ma kienx investigah hu izda s-Sur Caruana u kienu ppruvaw jirrangaw. Qal li l-'probation' normalment kienet ghal tlett xhur "pero' jekk ikun il-kaz li jitla' anki sa sena dejjem skond il-ftehim li jkun hemm" izda jekk il-post ikun jirrikjedi probation ta' tlett xhur ma jistax isir sitt xhur. Mistoqsi mit-Tribunal 'trainee supervisor' kellhux jigi konfermat wara tlett xhur, ix-xhud wiegeb 'jibqa' l-istess haga'. Qara wkoll x'kien hemm miktub fuq 'id-discharge certificate' li kien impjegat bhala 'Trainee Supervisor' u nstab li ma kienx idoneu ghal dak ix-xoghol u qara nota li kien hemm tas-Sur Oreste Sammut tal-Labour Office.

Is-Sinjorina Pauline Zammit Lewis qalet li ftakret li l-appellant kien staqsa ghal 'contract of service'. Ma ftakritx li xi darba kienet kitbet xi 'charge' kontra l-appellant u li kien jithallas ta' l-overtime imma ma ftakretx jekk qatt is-Sur Tabone qalla biex taghtih 'warning' fuq l-imgieba hazina tieghu u li l-kopji tal-'contract of service' ikunu 'stencilled' u kollha juru '3 months' probation.'

Is-Sinjorina Marthese Galea ftakret li l-appellant staqsa ghal 'contract of service' imma din wiegbet li ma kienx ghandha ghax tas-'Supervisors' mhux hi kienet inkarigata minnhom u inqas ma kienet inkarigata mit-'training' ta' l-appellant.

Is-Sur Brian Zammit Marmara Production Manager mal-Kumpanija qal li kien dmir tieghu li lil kull 'trainee' jaghtih direzzjoni u jghinu kemm kien possibbli u kemm jiflah it-'trainee'. Lill-appellant stmah u kien tah dak kollu li seta'. Fehmu kull ma staqsa u f'kull ma talbu jghinu biex is-'section' tibqa' miexja. Izda milli seta' jara dak li kien jghidlu kien jaccettah u jghidlu 'fhimtek' izda minn dak li kien jara kien jinduna li ma kienx qed jifhem dak li kien jipprova jaghtih. Kemm-il darba ma tul il-gurnata kien jigbidlu l-attenzjoni ghal dak li ma kienx sejjer tajjeb u jitlob li jimxu skond ir-regoli u x-xoghol jonrog normali ghax kienet 'section' krucjali u kien jigbidlu l-attenzjoni l-hin kollu u ghal kull okkazzjoni li kien jara li x-xoghol mhux sejjer tajjeb kien hemm 'Supervisor' iehor izda dak iz-zmien xoghol hazin kien hemm. Is-Sur Tabone kien qallu li l-appellant kien ghamilha cara li qatt ma kien hadem f'dak ix-xoghol. Kien qal ukoll lill-appellant li kien hemm Germaniza li ghandha tittrejnjah hi. Ix-xoghol ta' 'Supervisor' kien id-dixxiplina, il-kwalita' u l-kwantita'. F'certi affarijiet kien jghid lill-appellant imur jistaqsi lil Mr Root izda x-xhud qal ukoll li hu u Mr Root kienu jaghtu ordni wahda. Ix-xhud qal li hu kien ta 'training' lill-haddiehor kemm qabel kien hemm l-appellant u kemm wara.

7. Sottomissjonijiet Finali. Is-Sur Buttigieg (l-appellant) issottometta li hu kien dahal jahdem mal-Kumpanija bhala haddiem normali ghalih hu kien ghamilha cara lil General Manager is-Sur Colin Tabone li hu ma kien jaf xejn fil-linja

/7. .....

taghhom. Dan jikkonfermah il-fatt li supervisors ma kienux jithallsu ta' l-'overtime' u hu kien jithallas. Issottometta wkoll li l-perijodu tal-'probation' skond il-ligi kien tlett xhur u qatt ma seta' jaghmlulu sitt xhur fil-'contract of service' li gie moghti lilu ftit hin qabel tkecca u mhux kif suppost fi zmien sitt ijiem wara li dahal jahdem. Qatt ma kien hemm ftehim bil-miktub li hu kien 'Trainee Supervisor' ghal sitt xhur - dan il-ftehim gie moghti lilu qabel spicca. Sostna li 'contract of service' li kellu kopja tieghu kienet ta' tlett xhur u mhux sitta kif qed tikkontendi l-Kumpanija. Kien car li l-Kumpanija ppruvat li thallat 'trainee' ma 'probation'. Sostna li ma kienx minnu li kien hemm ftehim bil-miktub li hu kien 'Trainee Supervisor'. Dan il-kuntratt ma sarx meta dahal fl-14 ta' Mejju, 1979 izda ftit qabel ma tkecca, u li dan il-kuntratt ukoll kien juri li l-'probation' kienet tlett xhur u t-tibdil sar ghax il-Kumpanija saret taf li hu kien mar id-Dipartiment tax-Xoghol u ma kellniex tithallat il-kelma 'Trainee' mal-'Probation'. Fuq kollox sostna wkoll li l-kopja ta' 'Contract of Service' li ssottometta hu kienet kopja genwina u li hu apparti mill-fatt li kien hemm nuqqas ta' 'management' fis-sezzjoni li kien jahdem hu ghax kien hemm ordnijiet konfliggenti, hu ha post is-Supervisor li spicca wara li kien ilu jahdem hemm biss xahrejn u b'hekk intwera li hu kien ahjar minn dak li spicca u li poggewh ghax raw it-tajjeb tieghu u biex jirranga l-hazin ta' haddiehor. Dan ma setax jaghmlu ghax dak iz-zmien kien hemm ordnijiet kontra ordinijiet u min poggieh "kien jaf li jien ma kont naf xejn" b'dan kollu qatt ma tawh 'warning'.

Ghall-Kumpanija s-Sur Colin Tabone issottometta li primarjament it-terminazzjoni saret fil-'probationary period' ta' sitt xhur u anki kieku le,kienet gustifikata.

Kif l-appellant ammetta li kien "trainee supervisor" il-kelma "trainee" hija indikattiva tal-kategorija tal-impieg u din il-kelma ma giet mibdula qatt - kieku l-perijodu ta' tahrig kien gie kompletat ghas-sodisfazzjon tal-Kumpanija, il-kelma "trainee" kienet titnehha u l-appellant kien jigi accettat bhala "supervisor" izda sa kemm kien gie terminat l-impieg tieghu, l-appellant kien ghadu fil-perijodu stabbilit ta' tahrig kif ukoll fil-perijodu ta' "probation" miftehma bil-miktub bejn iz-zewg partijiet u kontra l-miktub il-kliem ma jiswewx. Sostna li l-ewwel pagna tal-kopja tal-kuntratt esebita mill-appellant hija **differenti** f'hafna aspetti mill-original u ta' dan ta dettalji bir-reqqa. Ghamel enfasi li anki l-appellant fix-xhieda tieghu taz-17 ta' Marzu (pagna ghaxra) qal "Ghidtlu 'allura ma hemmx chance iehor forsi nirranga xi haga ... ghidtlu' ghad fadalli ghas-sitt xhur" dan juri li l-appellant kien jaf sew li l-'probation' kienet ta' sitt xhur u mhux ta' tlieta kif kien il-ftehim. L-imgieba tajba tal-General Manager tal-Kumpanija ma l-appellant tidher cara meta wiehed jikkunsidra li dahhlu jahdem meta ma kienx hemm post bhala 'trainee' u meta instab li ma kienx tajjeb ghal dan il-post, offrielu li jzommu bhala 'cutter' u dan ma accettax - din tipprova l-kredibilita li ghandu jaghti t-Tribunal lix-xhieda tal-General Manager dwar jekk il-'probationary period' kienx ta' tlieta jew sitt xhur. Sostna wkoll is-Sur Tabone li legalment bi ftehim anki verbali bejn il-partijiet jista' jigi estiz ghal izjed mill-minimum ta' tlett xhur. Dwar it-talba ta' l-appellant, is-Sur Tabone issottometta, li apparti li dina kienet ingustifikata anki skond **il-logika**, l-appellant stess, it-talba massima li seta' jaghmel kienet biss ta' xahrejn paga, sabiex b'hekk jithallas ghal perijodu shih ta' sitt xhur izda ma kien hemm xejn illegali li wiehed jitkecca ghal raguni valida waqt il-'probationary period'.

Temm biex jghid li

(i) l-appellant kien taht 'probationary period' ta' sitt xhur bhala 'trainee supervisor';

(ii) matul dan il-perijodu l-Kumpanija kellha tara jekk l-appellant kienx juri li ser xi darba jaghmel il-grad;

(iii) kien jidher car li fix-xahrejn li kien baqghalu ma kienx ser jilhaq u ghalhekk offrewlu xoghol iehor ta' 'cutter';

(iv) milli jirrizulta mix-xhieda u is-sottomiss-jonijiet l-ewwel pagna tal-Kuntratt kemmanti parti mill-kuntratt integru konsistenti f'zewg pagni, kienet dik esebita mill-Kumpanija u li ghalhekk il-'probationary period' kien ta' sitt xhur;

(v) mill-provi prodotti t-tkeccija kienet gustifikata.

8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

Irrispettivament mill-kwistjoni kontestata jekk il-'probationary period' kienx ta' tlett xhur jew ta' sitt xhur, kif ukoll jekk l-appellant tkeccix fuq kawza gusta, mill-kumpless tax-xhieda taz-zewg partijiet it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-appellant gie assunt mal-Kumpanija bhala 'trainee supervisor' ghal perijodu ta' sitt xhur, u ghalhekk l-appellant kien impjegat ghal zmien 'definit' u konsegwentement ma jaqghax taht id-definizzjoni ta' 'tkeccija ingusta' kif provduta fl-artikolu (2) 1 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976.

/10. .....

9. Decizjoni

Ghalhekk, salv id-dritt li l-appellant jagixxi quddiem il-Qorti kompetenti (jekk ikun il-kaz), it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux kompetenza li jaqta' l-meritu kif kontenut fit-talba ta' l-istess appellant.

G.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

28 t'April 1980.

em